MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**ID-DISA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 12b

7 ta' Mejju 2025

Minuti tat-tieni parti tas-seduta Nru. 12 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa 7 ta' Mejju 2025 fil-5:30 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti.

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin irreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet trasmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku G. Micallef.

## Kondoljanzi

Is-Sindku G. Micallef aċċenna għall-mewt ta' omm il-Kunsilliera Rebecca Bartolo Cutajar – is-Sinjura Margaret Cutajar u flimkien mal-Viċi Sindku u l-Kunsilliera ta l-kondoljanzi lis-Sinjura R. Bartolo Cutajar u l-familja tagħha kollha. Huwa qal li l-Kunsill qabel li s-seduta ta' April tiġi aġġornata għal-lum bħala turija ta' rispett. Il-Kunsilliera R. Bartolo irringrazzjat lill-Kunsill li aġġorna l-laqgħa kif ukoll irringrazzjat lis-Sindku, l-Viċi Sindku, il-Kunsilliera u l-istaff tal-kondoljanzi u s-sapport tagħhom f'dan il-mument diffiċli.

## Minuti

1.1. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet li l-minuta 2.11.2. tas-seduta numru 11 tinqara kif ġej:

"Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li permezz ta' post li rat fuq il-midja soċjali, Paws Protection ħadmu cat cafes huma stess u talbet biex possibiliment il-Kunsill jara jsibx mastrudaxxi lokali li jkunu lesti li jaħdmu numru ta' cat cafes bħalhom."

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 11 li saret fl-24 ta' Marzu 2025 u tal-ewwel parti tas-seduta numru 12 li saret fid-29 ta' April 2025 ġew approvati mingħar aktar korrezzjonijiet.

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

### 2.1.1. Tiġdid tal-Karti tal-Identità (M/6/Vol V)

2.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara li Identità Malta aċċettat li toffri servizz ta' tiġdid tal-Karta tal-Identità mill-uffiċini tal-Kunsill lil dawk il-persuni li għandhom 'l fuq minn sittin sena, huma vulnerabbli u huma residenti fil-Mellieħa u li l-Karta tal-Identità tagħhom tiskadi f'Ġunju 2025, il-Kunsill ħareġ l-avviżi fuq il-midja soċjali u fil-Parroċċa tal-Mellieħa u tal-Manikata sabiex dawn il-persuni jirreġistraw għal dan is-servizz. Is-Sindku qal li r-reġistrazzjoni kienet miftuħa matul ix-xahar ta' April 2025 kollu u n-numru ta' persuni li rreġistraw tela' għal 613. Is-Sindku qal ukoll li l-lista bl-ismijiet ta' dawn il-persuni ser tintbagħat lill-Identità Malta sabiex isiru l-arranġamenti meħtieġa min-naħa tagħhom biex ikun jista' jsir it-tiġdid neċessarju.

2.1.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.2.1. Bżonn ta' Scarifying ta' Toroq (T/4/4/Vol II)

2.2.2. Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa f'liema stadju waslu dawn ix-xogħlijiet. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kif intqal fis-seduta numru 11, huwa flimkien mal-Kunsillier E. Bartolo u l-Perit ta' Central Asphalt Ltd, daru t-toroq kollha fejn hemm il-ħtieġa li jsir dan l-intervent. Is-Sindku qal ukoll li l-Perit ħadem l-istima u issa jonqos li l-Kunsill jara kif dawn ix-xogħlijiet jitqassmu f'fażijiet. Huwa fakkar li l-ispejjeż ta' dawn ix-xogħlijiet jistgħu jiġu rkuprati mill-fondi li kienu ser jintużaw għall-proġett tal-Panoramic Lift.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1 Sejħa għall-offerti MLC 3/2024 – Installazzjoni ta' sistema CCTV fit-toroq ta' dħul/ħruġ miż-żona urbana tal-Mellieħa (C/9)

2.3.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa tal-Bord ta' Evalwazzjoni tal-Kunsill biex issir evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet li saru b'rabta mas-Sejħa għall-Offerti MLC 3/2024 – Installazzjoni ta' sistema CCTV fit-toroq tad-dħul/ħruġ miż-żona urbana tal-Mellieħa ser issir il-ġimgħa d-dieħla.

2.3.3. Il-Sindku ħa din l-opportunità sabiex jinforma lill-membri preżenti li s-sejħa għall-offerti dwar l-installazzjoni ta' sistema CCTV's fil-Manikata hija lesta u tista' tiġi ppubblikata.

2.3.4. Huwa informa wkoll li ser jiġu ippubblikati s-sejħa għall-offerti dwar il-Kiri ta' Vettura għall-użu tal-Kunsill **(V/1)**, is-sejħa għall-offerti dwar iż-Żamma u l-Manutenzjoni ta' Ġonna Pubbliċi **(K/6/3/Vol V)** u s-sejħa għall-offerti għall-Manutenzjoni tal-Multi-Purpose Court fil-Park tal-Familja **(P/4/6/Vol VI).**

2.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.4.1 Pulizija tal-Komunità fil-Mellieħa (P/9/4)

2.4.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa li jmiss mal-Pulizija tal-Komunità ser issir fil-15 ta' Mejju 2025.

2.4.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.5.1 Xogħlijiet minn Storm Water Unit (D/3/1/Vol XVI)

2.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill permezz tal-iStorm Water Unit fi ħdan id-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi, għamel tiswijiet strutturali fuq żewġ culverts fi Triq Gorg Borg Olivier li kienu qed jisfrundaw. L-ewwel parti kienet tirrigwardja l-culvert faċċata tal-Bank of Valletta plc u t-tieni parti tax-xogħlijiet kienet tirrigwardja l-culvert quddiem Costa Coffee Shop. Fiż-żewġ każi x-xogħlijiet saru bejn it-8.00 ta' filgħaxija sa nofsilejl u kien hemm is-sorveljanza minn Uffiċċjali ta' Transport Malta u tal-LESA.

2.5.3. Is-Sindku kompla billi qal li bħalissa għaddejjin l-arranġamenti sabiex isiru tiswijiet tat-tielet culvert li qed jisfronda fi Triq Gorg Borg Olivier jiġifieri l-culvert faċċata tal-Go Bananas. Sabiex isiru dawn ix-

xogħlijiet li huma ppjanati li jsiru wkoll filgħaxija, din id-darba t-triq trid tingħalaq għal kollox. Ħa ssir talba wkoll sabiex isiru tiswijiet ta' culvert li qiegħed fi Triq in-Naħħalija, il-Manikata.

2.5.11. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.6.1. Il-Kunsill Lokali tat-Tfal (Z/1/Vol VI)**

2.6.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li l-laqgħa li jmiss tal-Kunsill Lokali tat-Tfal ser issir fl-14 ta' Mejju fl-4.30p.m.

2.6.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li fil-laqgħa preċedenti, it-tfal iddiskutew l-inizjattiva sabiex jorganzzaw huma stess Clean Up Event u ġie deċiż li din issir fil-31 ta' Mejju 2025. Hija kompliet billi qalet li issa t-tfal iridu jiddeċiedu fejn ħa ssir il-Clean up sabiex imbagħad ikunu jistgħu jaħdmu fuq il-poster huma stess. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li qat il-Clean Up, kull tifel u tifla li jipparteċipa jrid ikun akkumpanjat minn adult.

2.6.4. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet ukoll li fit-12 ta' April 2025 hija pparteċipat f'konferenza organizzata minn Children's Rights Council li saret fl-iskola sekondarja ta' Ħal Kirkop u li għaliha attendiet l-E.T. l-President Emeritus Marie Louise Coleiro Preca. F'din il-konferenza, is-Sinjura L. Darmanin qalet li kien hemm kliem ta' tifħir għall-Kunsill Lokali tat-Tfal tal-Mellieħa li semma leħnu fir-rigward tal-proġett tal-iskola primarja l-ġdida tal-Mellieħa.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.7.1. Ħarġiet Kulturali (A/5/5/Vol VII)**

2.7.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin infurmat lill-membri preżenti li għall-ħarġa kulturali li saret fid-29 ta' April 2025 fl-Arkivji Notarili fil-Belt Valletta attendew għoxrin persuna li apprezzaw ferm din iż-żjara tant interessanti.

2.7.3. Hija qalet ukoll li l-ħarġa kulturali li jmiss li ser issir fl-14 ta' Mejju 2025, il-Kunsill ħataf l-opportunità li jieħu l-anzjani għal XjenzAnzjan fl-Esplora. Din iż-żjara se tkun b'xejn u spejjeż ħa jkun hemm biss tat-trasport.

2.7.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.8.1. Pubblikazzjoni ta' Kitbiet tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia (P/4/5/Vol III)**

2.8.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Kunsill kien qiegħed jaħdem mas-Sur Steve Cachia t-tifel tal-mibki s-Sur Joseph Felix Cachia sabiex il-Kunsill jippubblika ktejjeb bil-kitbiet tas-Sur Joseph Felix Cachia. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-Kunsill avviċina lis-Sur David Muscat sabiex possibiliment jassisti fil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktejjeb u għarrfet li s-Sur Muscat aċċetta li jassisti u s-servizz tiegħu ser jagħtih mingħajr ħlas. Huwa talab biss li fil-ktejjeb jitniżżel ismu bħala l-editur.

2.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.9.1. Servizz ta' Tabib fil-Berġa tal-Mellieħa (M/8/Vol VIII )**

2.9.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin talbet lill-Kunsill sabiex terġa' ssir talba lid-Dipartiment tal-Kura Primarja sabiex possibiliment fil-Berġa tal-Mellieħa jibda jkun hemm is-servizz ta' tabib.

2.9.3. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u nnota t-tagħrif mogħti.

**2.10.1. Il-Fond ta' Aġġustament 2025 (F/1/2/Vol XI)**

2.10.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri rrefera għall-minuta numru 2.10.1. u 3.2.1 tas-seduta numru 11 u għarraf illi huwa kien ġie avviċinat minn Ecostack Innovations li hija kumpanija li toffri konsultazzjoni ambjentali li taħdem viċin il-komunitajiet, negozji u organizazzjonijiet bil-għan li jkun hemm identifikazzjoni ta' soluzzjonijiet għal aktar żvilupp sostenibbli u konservazzjoni tal-biodiversità. Il-Viċi

Sindku għarraf illi huwa ltaqa' ma' rappreżentanta ta' Ecostack Innovations u qasam magħha l-ħsieb tal-Kunsill li parti mill-bajja tal-Għadira eżattament bejn iż-żewġ bajjiet, jiġi adattat speċifikament bħala sit li joffri faċilitajiet marbuta mas-saħħa mentali. Huwa qal li tkellmu wkoll fuq materji oħra bħal manutenzjoni tal-ġwiebi li għandu l-Kunsill fil-ġonna pubbliċi.

2.10.3 Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri spjega li x-xogħol ta' Ecostack Innovations huwa li flimkien mal-Kunsill jitfassal proġett adattat għal sit partikolari u Ecostack Innovations min-naħa tagħhom ifittxu kumpaniji lokali li jkunu jixtiequ jiffinanzjaw proġetti ta' dan it-tip.

2.10.4. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li qabel ma jibda xi tip ta' intervent fuq is-sit fil-bajja tal-Għadira, isir kuntatt mal-Management tal-Mellieħa Holiday Centre peress li dak is-sit kien ġie mogħti lilhom b'encroachment peress li hemm għaddej it-tunnel li mil-lukanda tagħhom jagħti għall-bajja tal-Għadira.

2.10.5. Is-Sinku G. Micallef qal li huwa ser jagħmel kuntatt mal-Management tal-Mellieħa Holiday Centre sabiex jiġi stabbilit jekk huma għandhomx xi tip ta' ownership ta' dak is-sit u kemm-il darba fl-affermattiv, huwa ser iressaq il-proposta tal-Kunsill lill-Management biex jara jekk ikollhomx oġġezzjoni għal din l-inizjattiva.

2.10.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.11.1. Introduzzjoni ta' Cat Cafes (A/9/Vol II)**

2.11.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar talbet li l-Kunsill jiċċekkja il-cat cafes jistgħux jinħadmu minn mastrudaxxi lokali

2.11.3. Il-Kunsillier K Buttigieg issuġġerixxa li l-Kunsill jagħmel kuntatt maċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa u jara jekk fost il-membri irġiel hemmx min hu interessat li jaħdimhom hu. F'dan il-każ il-Kunsill jieħu ħsieb jixtri l-materjal neċessarju u x-xogħol isir minn dawn il-membri.

2.11.4. Il-Kunsill qabel ma' dan is-suġġeriment u talab li jsiru l-kuntatti meħtieġa.

**2.12.1. Compliance Audit fil-Kunsill Lokali tal-Mellieħa (F/1/2/Vol X)**

2.12.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet illi d-dokumentazzjoni kollha mitluba mill-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika fit-tieni lista tagħhom, intbagħtet kollha u ġie rrispettat anke d-deadline stipulat.

2.12.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**2.13.1. Kuntratt MLC 1/2024 – Proġett dwar titjib fis-Sala tal-Kunsill (P/10/40)**

2.13.2. Is-Sindku G. Micallef qal li x-xogħol ta' titjib tas-sala tal-Kunsill huwa lest u komplut u għaldaqstant huwa xieraq li din is-sala tiġi inawgurata.

2.13.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kunsill mill-bidu nett ta' dan il-proġett kien qabel li din is-sala tissemma għall-ewwel sindku tal-Mellieħa l-mibki s-Sur Joseph Borg. Huwa ippropona li l-inawgurazzjoni ssir nhar il-Ġimgħa 23 ta' Mejju 2025 fis-7.00pm.

2.13.4. Huwa qal li għal din l-inawgurazzjoni għandhom jiġu mistiedna l-familjari tas-Sur Joseph Borg u l-għaqdiet lokali.

2.13.5. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri**

**3.1.1. Attività f'Jum iddedikat għall-Awtiżmu (K/11)**

3.1.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li għat-taħdita li l-Kunsill organizza fid-9 ta' April 2025 fil-jum iddedikat għal aktar għarfien dwar l-awtiżmu, attendew biss erba' persuni u sfortunatament ma attendewx

membri tal-komunità kif kien l-għan aħħari ta' din il-laqgħa. Madanakollu, hija qalet li minflok saret diskussjoni mal-ġenituri li kienu preżenti u l-coach tal-football u minnha ħarġu ħafna ideat sbieħ ta' kif il-Kunsill fost oħrajn, jista' jagħti s-sehem tiegħu biex jinħoloq dejjem akar għarfien.

3.1.3. Fil-fatt, il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li tkun ħaġa mill-aktar sabiħa jekk il-Kunsill tal-Mellieħa jkun l-ewwel Kunsill li jieħu l-inizjattiva li jintroduċi s-'Sunflower Lanyards' li l-għan tagħhom huwa li dawn jitqassmu lill-membri tal-komunità li jkollhom membri tal-familja li għandhom din il-kundizzjoni u jilbsuha meta joħorġu. Din il-lanyard tagħti indikazzjoni li ma' dik il-persuna hemm persuna li għandha l-kundizzjoni tal-awtiżmu.

3.1.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li din l-inizjattiva tista' tkun parti mill-attivitajiet li jorganizza l-Kunsill matul is-sena.

3.1.5. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li flimkien mal-kundizzjoni tal-awtiżmu, tista' tidħol ukoll il-kundizzjoni tal-ADHD sabiex possibiliment jiġu mħajra jattendu aktar nies.

3.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposti msemmija u innota t-tagħrif mogħti.

### 3.2.1 Proposta minn Selmun Sports Club (P/4/6/Vol VI)

3.2.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri informa lill-membri preżenti li ġie avviċinat minn membru tal-kumitat ta' Selmun Sports Club dwar proposta li dan il-klabb xtaq jagħmel lill-Kunsill fuq il-Park tal-Familja.

3.2.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 21 ta' April 2025 mingħand Selmun Sports Club proprju fuq din il-proposta u qal li dan il-klabb qed jitlob li sakemm il-Park tal-Familja jkun qed jintuża mit-tfal tal-iskola primarja, isir dan li ġej:

(i) il-partijiet komuni jiġu magħquda ma' xulxin bi bridge wiesgħa jew aktar passaġġi bir-riġel;

(ii) il-court jintuża bħala sala waqt il-ħinijiet tal-iskola;

(iii) il-palk li hemm fis-sala tal-iskola primarja jiġi trasferit għall-Park tal-Familja;

(iv) tiġi installata tinda b'mod semi permanenti fuq il-parti tal-court fejn jintlagħab il-basketball;

(v) jittejjeb l-aċċess għas-servizzi sanitarji eżistenti li hemm fil-Park tal-Familja;

(vi) il-fondi li l-Kunsill ivvota biex jissewwa' l-court jiġu trasferiti għall-proposta msemmija hawn fuq;

(vii) isir 'non slippery treatment' fuq il-wiċċ tal-court;

(viii) meta t-tfal jerġgħu jidħlu fl-iskola l-ġdida, il-fondi li ma jkunux intefqu fuq il-proġett tal-iskola, jiġu allokati għall-Park tal-Familja;

(ix) it-tinda tista' tiġi trasferita għal xi żona oħra fil-Mellieħa, fejn ikun qed jiġi pprattikat xi sport ieħor.

3.2.4. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li huwa jaqbel li l-wiċċ tal-court kultant żmien ikollu bżonn trattament 'non slippery', iżda l-Kunsill issa ma jistax iwaqqaf is-sejħa għall-offerti biex isiru t-tiswijiet meħtieġa fuq il-court – tiswijiet li ilhom tant meħtieġa.

3.2.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li dwar il-proposta tat-tinda, din l-istruttura ċertament li jekk issir trid tkun tiflaħ sewwa għar-riħ u wieħed ikun irid jieħu in kunsiderazzjoni ċertu safety features oħra. Barra minn hekk, is-Sur Bartolo qal li struttura ta' din ix-xorta, ma tmurx mal-ambjent tal-madwar. Fuq it-trasferiment tal-palk, is-Sur Bartolo qal li l-palk normalment ikun struttura fissa u ma jkunx possibbli li jinqala'.

3.2.6. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li fil-proġett tal-iskola primarja hemm inkluż indoor gym, jiġifieri għada pitgħada fil-lokalità ħa jkun hawn faċilitajiet biex jintlagħab sport fil-magħluq.

3.2.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal in vista tal-proġett tal-iskola, wieħed irid jara x-xogħlijiet li ser isiru mill-Kunsill jilħqux isiru qabel ma tibda l-iskola u jibda jintuża l-Park tal-Familja għal dan il-għan u barra minn hekk dwar il-proposta, wieħed irid ikun ċert li l-court kif inhu, ikunx jiflaħ għall-piż tat-tinda.

3.2.8. Is-Sindku G. Micallef qal li hemm ideat li huma pożittivi u li l-Kunsill jista' jiddiskuti mal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada iżda l-FTS diġa' ħa jinvestu madwar €40,000 f'rubber flooring biex isir fi Triq Ġuże' Flores biex fuq jiġi rijallokat l-outdoor gym.

3.2.9. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li irid ikun hemm argument aktar b'saħtu sabiex il-proposta tat-tinda tkun tista' tiġi kkunsidrata.

3.2.10. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.3.1. Inkwinament ikkawżat minn Użu ta' Dawl Eċċessiv (Light Pollution) (A/4/5/Vol V)

3.3.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri għarraf li ġie avviċinat mill-Għaqda Maltija tal-Astronomija primarjament dwar il-problema ta' użu ta' dawl eċċessiv fl-inħawi tal-moll taċ-Ċirkewwa limiti tal-Mellieħa kif ukoll fl-inħawi tal-Aħrax. Is-Sur Borg Cuschieri qal li l-għan tal-Għaqda Maltija tal-Astronomija huwa li toħloq għarfien dwar il-problemi li dan l-inkwinament joħloq lill-bniedem kif ukoll lill-flora u l-fauna lokali fost oħrajn.

3.3.3. Is-Sur Borg Cuschieri talab lill-Kunsill biex possibiliment isir kuntatt ma' dawn l-entitajiet/persuni u jara kif jista' jasal għal soluzzjoni sabiex jitnaqqas l-ammont ta' dawl fl-inħawi imsemmija.

3.3.4. Is-Sur Borg Cuschieri qal ukoll li l-lampi tat-toroq fost oħrajn, għandhom ikunu jagħtu d-dawl l-isfel u talab ukoll sabiex il-Kunsill jitkellem mal-kuntrattur responsabbli mid-dawl tat-toroq sabiex jipprovdi shades adattati kemm-il darba jkun hemm talba għal dawn mir-residenti.

3.3.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.4.1. Kollaborazzjoni ma' Culture Venture Malta (K/16)

3.4.2. Il-Kunsillier J. Cauchi għarraf li huwa kellu laqgħa ma' Culture Venture dwar il-ħsieb li l-Kunsill jagħmel studju primarjament dwar il-popolazzjoni u l-identità tal-lokalità u għarraf li l-ispejjeż sabiex isir dan l-istudju huma ta' €5,000. Huwa qal li dan l-ammont jinkludi x-xogħol ta' riċerka, intervisti mal-istakeholders kollha li jagħmlu parti mil-lokalità, il-preżentazzjoni tar-riżultati u r-rakkomandazzjonijiet.

3.4.4. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li bħalissa m'hemmx sejħiet minn programmi tal-Unjoni Ewropea sabiex inizjattivi simili jkunu jistgħu jibbenefikaw minn fondi ewropej.

3.4.5. Il-Kunsill qabel li din il-kumpanija tibgħat il-proposta tagħha flimkien ma' stima u innota t-tagħrif mogħti.

### 3.5.1. Eco Market 2025 (A/6/3/Vol X)

3.5.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li kellu onsite meeting mal-organizzaturi ta' Eco Market u ġie deċiż li din l-attività ssir f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II. L-attività se tibda fil-15 ta' Awwissu 2025.

3.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 3.6.1 Tqassim ta' Pjanti mill-Kunsill fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm (A/5/3/Vol XVI)

3.6.2 Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-Ġimgħa 9 ta' Mejju 2025, il-Kunsill ser jippreżenta pjanta lill-anzjani residenti f'Dar Madonna tal-Mellieħa u lill-membri li jattendu ċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa fl-okkażjoni ta' Jum l-Omm. Hia qalet li dakinhar il-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva kienu ser itellgħu talent show.

3.6.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 4.0. Tqegħid ta' karti

- L-Istqarrijiet Finanzjarji 2024
- Minuti tal-Laqgħa Pubblika li saret fl-20/03/2025 dwar il-Proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq ewlenin tal-Mellieħa
- Skeda dwar Akkwist ta' Servizzi u Materjal – 25/04/2025;
- Skeda ta' Pagamenti – 22/03/2025 – 25/04/2025;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet; u
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Il-Proġett tal-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/3/1/1)

5.1.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li x-xogħol ta' rijalokkazzjoni tal-iskola primarja tal-Mellieħa għall-Park tal-Familja beda fil-21 ta' April 2025 wara li ntlaħaq kompromess bejn il-partijiet kollha. Huwa qal li l-Kunsill dejjem wera rieda ta' koperazzjoni u dan l-aħħar komplew il-kuntatti mac-Chief Executive Officer tal-Fondazzjoni għall-Iskejjel t'Għada Dr Neville Young. Fil-fatt ittieħdet deċiżjoni li fi Triq Ġuże' Flores isir rubber flooring sabiex hemmhekk jitpoġġa t-tagħmir kollu tal-Outdoor Gym. Dan seħħ wara li t-tapit eżistenti ma kienx vijabbli li jinqala'.

5.1.3. Il-Kunsilliera L. Darmanin qalet li l-Book Box tpoġġiet ftit 'il bogħod minn fejn kienet minħabba x-xogħlijiet iżda fejn qegħda hija aċċessibbli wkoll.

5.1.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.2.1. Xogħlijiet mid-Dipartiment għax-Xogħlijiet Pubbliċi (D/3/1/Vol X1V)

5.2.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill permezz tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet Pubbliċi għamel xogħol ta' patching fi Triq il-Peprin fil-parti li ma kinitx asfaltata. Dan sar peress li jidher li ser ikun hemm dewmien biex jibda x-xogħol li jinkorpora fih l-formazzjoni ta' toroq fl-inħawi ta' Triq Ta' Masrija, Triq ir-Rihan, Triq ir-Rattan u Triq l-Iżbark tal-Franċizi fost oħrajn.

5.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.3.1. Xogħol ta' Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar (P/4/17)

5.3.2. Is-Sinku G. Micallef ta aġġornament lill-membri preżenti fuq il-proġett tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar. Huwa qal li bħalissa qed issir verifika min-naħa tal-kuntrattur mal-aġenzija tal-assigurazzjoni tiegħu qabel ma jkun jista' jibda x-xogħlijiet.

5.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.4.1. Xogħlijiet ta' New Water fi Triq Għajn Tuffieħa minn Infrastructure Malta (W/2/Vol IV)

5.4.2. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri ssuġġerixxa li sakemm għadhom għaddejjin ix-xogħlijiet fi Triq Għajn Tuffieħa, Triq il-Kappella tal-Militar għandha tiġi one-way minn fejn Sqaq Ħarruba, peress li qed ikun hemm konġestjonijiet tat-traffiku fiha.

5.4.3. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill kien diġa' ressaq din il-proposta lill-Infrastructure Malta, u kien qed jistenna risposta mingħandhom.

5.4.4. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li jekk din it-talba tiġi milqugħa minn Infrastructure Malta, din tkun fuq bażi temporanja sakemm jitlestew ix-xogħlijiet. Dan peress li Triq il-Kappella tal-Militar tintuża ħafna mill-

bdiewa li għandhom ir-raba' f'dawk l-inħawi u jkollhom joħorġu Triq il-Wilġa għal Għajn Tuffieħa li hija dawra mhux ħażin.

5.4.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.5.1. Pedestrian Crossings fi Triq il-Marfa u Traffic Lights fil-Mistra (T/3/2/Vol XVII)

5.5.2. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar issuġġerit li fi Triq il-Marfa preċiżament fejn hemm iz-zebra crossings ta' ħdejn il-Mellieħa Holiday Centre, jeħtieġ li jsiru pedestrian crossings peress li kif inhi s-sitwazzjoni bħalissa jeżisti periklu għal min ikun irid jaqsam it-triq.

5.5.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill għamel din it-talba lil Transport Malta iżda kien għadu ma rċeviex risposta.

5.5.4. Is-Sindku aċċenna wkoll għal talba li l-Kunsill għamel lil Transport Malta dwar il-ħtieġa ta' traffic lights fl-akkwati tal-pont tal-Mistra. Is-Sindku għarraf li Transport Malta għandha ssejjaħ laqgħa f'dan ir-rigward.

5.5.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.6.1 Proġett Ġnien fi Triq Mons. Ġużeppi Schembri/Etna/Għasel (P/4/27)

5.6.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf illi matul ix-xahar ta' April 2025, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni (TEC) ltaqa' tliet darbiet fl-1, fis-16 u fit-23 ta' April 2025 u matul dawn il-laqgħat tkompliet l-evalwazzjoni tas-sottomissjonijiet fil-parti teknika biex imbagħad fl-aħħar laqgħa, il-Kumitat ta' Evalwazzjoni wasal anke sabiex identifika liema bidders kellhom d-dokumentazzjoni kollha skont ir-rekwiżiti u liema bidder kellu l-aktar sottomissjoni vantaġġjuża.

5.6.3. Is-Sindku għarraf li minn fost is-sottomissjonijiet li saru Derek Garden Centre, Bonnici Bros Services Ltd u AG Installations kellhom id-dokumentazzjoni kollha skont ir-rekwiżiti iżda Derek Garden Centre kellu l-aktar sottomissjoni vantaġjuża. Is-sottomissjonijiet ta' Società Agricola Vivai Rizzo, The A Parks, LBA Ltd u Nar Construction Ltd waqgħu peress li kellhom s-sottomissjonijiet tagħhom mhux skont ir-rekwiżiti. Is-Sindku għarraf li l-bidders kollha ġew notifikati u bħalissa għaddej il-perjodu ta' għaxart ijiem fejn wieħed jista' jikkontesta din id-deċiżjoni.

5.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.7.1 Ix-Xogħlijiet fi Triq Għajn Ħadid (P/5/2/Vol II)

5.7.2 Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li għalkemm huwa infurmat li x-xogħlijiet fi Triq il-Fortizza ta' Campbell kienu għadhom għaddejjin, jidher li x-xogħlijiet fi Triq Għajn Ħadid huma lesti iżda sfortunatament jidher li x-xogħlijiet ma sarux kif kellhom isiru. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li fil-fatt hu kien qed jiġi avviċinat minn bdiewa li għandhom ir-raba tagħhom f'dawn l-inħawi, li kienu qed jilmentaw fuq l-istat kif tħalliet din it-triq. Il-Viċi Sindku qal li minn ritratti li huwa rċieva, jidher li l-wiċċ tat-triq huwa kollu terrapien u dan qed ikun ta' inkonvenjent u anke ta' periklu għax jiżloq.

5.7.3. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa infurmat li l-grass concrete f'din it-triq kellu jsir hekk kif ikun qed isir dak fi Triq il-Fortizza ta' Campbell. Madanakollu, huwa qal li ser jiċċekkja mal-Perit responsabbli.

5.7.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qabel li għandu jsir kuntatt mal-Perit responsabbli u l-Kunsill jirreġistra l-ilmenti tiegħu.

5.7.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.8.1. Dwal Ġodda fi Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri u Triq il-Kbira (E/1/3 Vol VI)

5.8.2. Is-Sindku G. Micallef informa lill-membri tal-Kunsill dwar il-progress li sar fuq il-proġett ta' dwal ġodda fi Triq il-Peprin, Triq il-Padrun, Triq Edward Camilleri u Triq il-Kbira. Huwa qal li wara li saru l-

applikazzjonijiet għal Development Notification Orders (DNO's), il-kuntrattur applika ma' Transport Malta sabiex jikseb il-permessi neċessarji sabiex ikunu jista' jaħdem fit-toroq indikati. Huwa għarraf ukoll li l-kuntrattur għamel l-ordni għall-arbli.

5.8.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.9.1. Mixgħela tal-Ġimgħa l-Kbira (A/5/5/Vol X)

5.9.2. Is-Sindku G. Micallef beda billi rringrazzja lill-membri tal-Kunsill u lill-istaff kollu li flimkien ħadmu sabiex din l-inizjattiva saret għall-ewwel darba u kienet suċċess.

5.9.3. Is-Sindku irringrazzja wkoll lill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina għad-disinn u l-kollaborazzjoni tagħhom.

5.9.4. Is-Sindku għarraf li s-somma miġbura matul dik is-serata b'risq Puttinu Cares kienet ta' €1,253.17c liema somma ġiet ippreżentata proprju waqt il-maratona b'risq Puttinu Cares.

5.9.5. Huwa qal ukoll li peress li l-Kunsill irnexxielu jikseb prezz aħjar milli basar għall-erbat elef-xemgħa li xtara, il-budget li kellu allokat għal din l-inizjattiva ma ntefaqx kollu.

5.9.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.10.1. Opri tal-Baħar fuq il-Moll tat-Tunnara (X/1/5/Vol II)

5.10.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin għarrfet li żewġ Uffiċjali tal-Infurzar mid-Direttorat tal-Infurzar fi ħdan Transport Malta żaru l-moll tat-Tunnara u talbu lill-Kunsill sabiex possibiliment iwaħħal tabelli sabiex fuq dan il-moll ikun hemm aktar ordni u minn naħa tagħhom ikunu jistgħu jinfurzaw kemm-il darba jkun hemm xi abbużi.

5.10.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg spjega li fil-passat kien sar ftehim verbali ma' sajjieda liċenzjati liema ftehim kien jgħid li bejn is-16 ta' Settembru u l-31 ta' Mejju dawn is-sajjieda setgħu jħallu l-opri tal-baħar tagħhom fuq il-moll u bejn l-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru, meta dawn is-sajjieda jniżżlu l-opri tagħhom il-baħar, kellhom struzzjonijiet li l-karrijiet jeħduhom fl-inħawi Taċ-Ċumnija.

5.10.4. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li t-tabelli jridu jkopru wkoll lil dawk is-sajjieda li fis-sajf iniżlu d-dgħajjes tagħhom il-baħar u jħallu t-trailers tagħhom fuq il-moll għal ftit jiem.

5.10.5. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li fuq il-mollijiet mhux permessibbli li jsir parking minn vetturi normali iżda minn vetturi bit-trailer magħhom.

5.10.6.. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li t-tabelli jistgħu jsiru skond id-dettalji li ta l-Kunsillier J. Buttigieg u tiżdied parti li bejn l-1 ta' Ġunju u l-15 ta' Settembru fuq il-moll jistgħu jipparkjaw vetturi li jkollhom it-trailer magħhom.

5.10.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u ddeċieda li possibiliment jsiru kuntatti ma' numru ta' sajjieda fuq din il-materja.

### 5.11.1 Proposta biex jiġi ppubblikat Ktejjeb dwar il-Qniepen u l-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa (P/4/5/Vol III)

5.11.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva proposta minn Ms Tara Darmanin sabiex il-Kunsill jippubblika t-teżi li hija kienet għamlet fuq il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa – riċerka li tidħol ħafna fid-dettal fl-istorja tal-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa u li s'issa għad m'hawnx pubblikazzjoni li tkopri dan l-istudju kollu li sar.

5.11.3. Is-Sindku G. Micallef qal li fil-proposta tagħha Ms Darmanin kellha l-ħsieb li din il-pubblikazzjoni tkun stampata fi ktieb size A4, bil-Malta u bl-Ingliż, b'soft u hard cover, il-karta tkun tat-tip 'matte' għal benefiċċju ta' dawk il-persuni neqsin mid-dawl, ikun hemm inkluż numru ta' ritratti u l-ktieb ikun ta'

madwar 230 paġna. Hija wriet ix-xewqa wkoll li din il-publikazzjoni tkun lesta sa Novembru meta jsir il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

5.11.4. Is-Sindku qal ukoll li Ms Tara Darmanin qalet li sabiex tikteb, tagħmel proof-reading u issewi l-proċess kollu sal-istampar tal-ktieb hija talbet li titħallas €3,500 u tingħata 15-il kopja soft cover u 15-il kopja hard cover meta l-ktieb ikun lest.

5.11.5. Is-Sindku għarraf lill-membri preżenti li l-Kunsill għandu budget ta' €8,000 għall-publikazzjoni ta' kotba din is-sena u fir-rigward tal-pubblikazzjoni msemmija, il-Kunsill ser ikollu ownership ta' dan il-ktieb wara li jiġi ppubblikat.

5.11.6. Il-Kunsillier J. Buttigieg issuġġerixxa li din il-pubblikazzjoni, kemm-il darba li l-Kunsill jaqbel li tiġi stampata, għandha tkun kompatibbli mal-pubblikazzjonijiet l-oħra li stampa l-Kunsill.

5.11.7. Il-Kunsill qabel innota t-tagħrif mogħti u qabel li l-Kunsill għandu jipproċedi bil-pubblikazzjoni ta' dan il-ktieb u jibda l-preparamenti neċessarji fosthom biex issir is-sejħa għall-offerti għall-iddisinjar u l-istampar tiegħu.

## 5.12.1. Tisbiħ tat-Taraġ fi Triq l-Isqof Pace (P/4/17)

5.12.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet biex jintalbu s-servizzi ta' perit fejn jidħlu l-preparazzjoni tal-Bill of Quantities, id-disinn tat-taraġ kif ukoll l-assistenza tal-perit matul l-fażi inizjali tal-proġett. Fil-fatt, il-kwotazzjonijiet kienu għalqu u l-aktar kwotazzjoni vantaġġjuża kienet tal-Perit Matthew Casha.

5.12.3. Is-Sindku għarraf ukoll li huwa kien ser isejjaħ laqgħa mal-Perit Casha sabiex ikunu jistgħu jibdew il-preparamenti neċessarji fuq dawn ix-xogħlijiet.

5.12.4. Is-Sindku ħa din l-opportunità sabiex għarraf li ser isiru sejħiet għall-kwotazzjonijiet għal servizz ta' Perit biex isir xogħol ta' titjib neċessarju fi Ġnien l-Erwieħ u fi Ġnien Ħidmet il-Volontarjat **(P/4/14) (P/4/23).**

5.12.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.13.1. Laqgħa Annwali tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana (K/1/3/Vol III) (F/3/Vol X)

5.13.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-laqgħa annwali tal-Kunsill Reġjonali Tramuntana saret fit-28 ta' Marzu 2025 fis-sala tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa. Huwa qal li l-l-Kunsill kellu l-opportunità li jagħmel l-osservazzjonijiet tiegħu fuq l-andament tal-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart. Il-Kunsill Reġjonali Tramuntana qal li huwa kommess li jressaq l-osservazzjonijiet kollha lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali kif ukoll lill-Gvern Ċentrali.

5.13.3. Is-Sindku qal ukoll li l-Kunsill Reġjonali Tramuntana qed jistieden żewġ membri tal-Kunsill sabiex jieħdu sehem fil-konferenza 'European Week of Region and Cities 2025' li ser issir fi Brussel bejn it-13 u l-15 ta' Ottubru 2025. Il-Kunsill qabel li din is-sena jipparteċipaw il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar u l-Kunsilliera L. Darmanin.

5.13.4. Il-Kunsill ħa nota tat-tagħrif mogħti.

## 5.14.1 Il-Ħamsin Sena Anniversarju – Parroċċa tal-Manikata (M/1)

5.14.2 Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa flimkien mal-Kunsilliera C. Castillo attendew għall-esebizzjoni tal-arti li ttellgħet fil-Knisja l-Qadima tal-Manikata b'rabta mal-ħamsin sena anniversarju tal-Parroċċa tal-Manikata.

5.14.3. Is-Sindku qal li l-organizzaturi apprezzaw ferm il-kollaborazzjoni tal-Kunsill li kienet tikkonsisti fil-provvista ta' dawl adegwat fuq barra tal-Knisja.

5.14.4. Is-Sindku ħa din l-okkażjoni biex għarraf li l-aħħar quddiesa tal-Kappillan tal-Manikata Fr Peter Paul Sultana ser issir fis-17 ta' Mejju 2025.

5.14.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mitlub.

## 5.15.1. Asfaltar ta' Triq il-Fuħħar, il-Manikata (T/4/7/Vol III)

5.15.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-proġett ta' Infrastructure Malta li jikkonsisti fl-asfaltar ta' Triq il-Fuħħar, il-Manikata għadu fl-istadju tal-ħruġ tas-sejħiet għall-offerti sabiex isiru x-xogħlijiet.

5.15.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.16.1. Ċelebrazzjoni tal-125 Sena Anniversarju mit-twaqqif tal-Malta Football Association (S/4/2/Vol IV)

5.16.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li huwa ġie avviċinat mill-Malta Football Association sabiex f'għeluq il-125 sena anniversarju mit-twaqqif tal-Malta Football Association issir ċelebrazzjoni ta' sport fil-pjazza tal-Mellieħa. Id-data se tkun il-Ħadd 18 ta' Mejju 2025 u l-attività hi ppjanata li ssir filgħodu.

5.16.3. Is-Sindku qal li segwiet laqgħa fuq il-post li għaliha flimkien miegħu attenda l-Kunsillier K. Buttigieg u s-Sinjuri Peter Busuttil u Riccardo Flask min-naħa tal-MFA, u li matulha ġie deċiż kif ser tkun maqsuma l-pjazza, min ser jieħu sehem u f'hiex ser tkun tikkonsisti l-kollaborazzjoni tal-Kunsill.

.5.16.4. Is-Sindku qal li f'Misraħ il-Parroċċa minn nofs 'il pjazza sal-Knisja ser jiġu armati tliet football pitches kif ukoll l-istands ta' Project Green fejn ser ikun hemm logħob għat-tfal, tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u tal-Kunsill. Fil-parti l-oħra tal-pjazza, il-Kunsill ippropona li jiġu mistiedna l-għaqdiet sportivi lokali u dan l-ispazju jkun allokat għalihom biex min jattendi jkun jista' jgawdi u jipparteċipa f'dixxiplini sportivi varji. Fil-fatt intbagħtet email lill-għaqdiet sportivi lokali u sal-ġurnata ta' din il-laqgħa kienu aċċettaw li jipparteċipaw Selmun Sports Club.

5.16.5. Bħala kollaborazzjoni, il-Kunsill ħa jgħin billi jipprovdi assistenza sabiex joħorġu u jinġiebu l-permessi neċessarji u l-uffiċjali tal-LESA u billi jkun hemm ambulanza fuq il-post.

5.16.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.17.1. Laqgħa ma' Comune Di Cavriglia dwar Skambji ta' Żgħażagħ (K/1/5/3/Vol IV)

5.17.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li fis-17 ta' April 2025, il-Kunsill organizza laqgħa virtwali li għaliha ipparteċipaw ukoll rappreżentanza minn Comune di Cavriglia u mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina u matulha setgħu jiġu kkjarifikati ħafna punti fuq iż-żjara li delegazzjoni mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina se tagħmel f'Cavriglia bejn il-11 u s-17 ta' Settembru 2025.

5.17.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li f'din il-laqgħa s-Sinjura Sara Ghironi minn Comune di Cavriglia ikkonfermat li n-numru ta' persuni li jistgħu jmorru Cavriglia jista' jitla' għal għoxrin parteċipant u l-etajiet tal-parteċipanti żgħażagħ jistgħu jvarjaw bejn it-18 u l-25 sena flimkien ma' tliet membri min-naħa tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li l-biljetti tal-ajru għandhom ma nxtrawx peress li għad irid jiġi deċiż il-mod li l-instrumenti ser jaslu Cavriglia.

5.17.4. Is-Sindku G. Micallef qal li l-istudenti ta' Cavriglia li ser jiġu Malta f'Lulju 2025, se jkunu alloġġjati fil-kumpless tal-Mellieħa Sports Club wara li saret sejħa għall-kwotazzjonijiet. Fil-fatt il-kwotazzjoni tal-Mellieħa Sports Club kienet l-aktar waħda vantaġġjuża u l-prezz ser ikun ta' €22.50c għal kull persuna għal kull lejl (il-kolazzjon mhux inkluż)

5.17.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.18.1 Kuntratt dwar iż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi (L/3/Vol III)

5.18.2. Dwar il-kuntratt għaż-Żamma ta' Latrini Pubbliċi, is-Sindku għarraf li matul ix-xhur ta' April/Mejju 2025, ġie innutat li l-ilmenti kienu intensifikaw. Fil-fatt kien hemm ġranet fejn il-latrina tar-Ramla tal-

Mixquqa kienet qed tagħlaq fil-5.00pm minflok fis-6.30pm/7.30pm, kien hemm ġranet fejn ħaddiem tal-kuntrattur kien qed ikun isuq l-iscammel u fl-istess waqt irid jieħu ħsieb il-latrini. Fil-fatt il-Kunsill ġie mgħarraf li l-kuntrattur kellu ħaddiema li waqfulu.

5.18.3. Apparti dawn l-ilmenti, is-Sindku qal li anke id-Direttur Ġenerali tal-Cleansing and Maintenance Department is-Sur Ramon Degaura, u l-Awtorità Maltija tat-Turiżmu waslulhom lmenti dwar nuqqasijiet fejn jidħlu il-latrini pubbliċi.

5.18.4. Is-Sindku għarraf li kien għalhekk li huwa għamel kuntatt mas-Sur Ramon Deguara u fil-5 ta' Mejju 2025 sar online meeting bejn is-Sur Deguara u min-naħa tal-Kunsill attendew huwa flimkien mal-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin.

5.18.5. Matul dan l-online meeting, is-Sur Ramon Deguara spjega li l-Kunsill jista' jikkusidra li jidħol fi ftehim mas-CMD permezz ta' Memorandum of Understanding, liema ftehim ikun jipprovdi allokazzjoni ta' żewġ ħaddiema għal kull latrina li jaħdmu tnax-il siegħa kull wieħed, fuq bażi day in day out, is-sena kollha. Apparti dan, is-CMD ikunu responsabbli wkoll miż-żamma tal-latrini pubbliċi u mill-manutenzjoni tagħhom. Għal dan is-servizz, il-Kunsill iħallas l-ammont li jirċievi fl-allokazzjoni li jingħata mill-Gvern Ċentrali għal-latrini pubbliċi. Is-Sur Deguara qal li l-ħinijiet tal-ħaddiema jiġu stipulati mill-Kunsill, iżda l-Kunsill Lokali ikun responsabbli mill-ħlas tal-overtime kemm-il darba l-Kunsill jiddeċiedi li jżied is-sigħat. Is-Sur Deguara qal ukoll li diġa' kien hemm numru ta' Kunsilli Lokali li ffirmaw dan l-MOU fosthom tal-Mġarr, ir-Rabat u l-Imdina.

5.18.6. Is-Sindku G. Micallef qal li bħalissa l-Kunsill Lokali qed iħallas madwar €68,000 lill-kuntrattur f'sena u matul is-sena 2024 intefqu madwar €10,000 oħra biex saret il-manutenzjoni u t-tiswijiet meħtieġa min-naħa tal-ħaddiema tal-Kunsill. Is-Sindku spjega wkoll li bħalissa l-allokazzjoni li l-Kunsill jirċievi mill-Gvern Ċentrali għal dan il-għan, tammonta għal madwar €40,000. Huwa żied jgħid li l-kuntratt attwali huwa magħluq u jeħtieġ li l-Kunsill jirregola ruħu.

5.18.7. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li fl-online meeting mas-Sur Deguara, ġie deċiż li l-Kunsill jgħaddi l-iskedi attwali tal-ftuħ tal-latrina sabiex is-CMD ikunu jistgħu jaħdmu kemm se tkun l-ispiża tal-overtime kemm-il darba jiddeċiedi li jżomm l-istess numru ta' sigħat kif inhuma fil-preżent. Is-Sur Buttigieg żied jgħid li l-Kunsill jista' jagħżel kif jalloka t-tnax-il siegħa jiġifieri jista' jagħti l-każ li l-latrini jibdew jinfetħu fid-disgħa ta' filgħodu sabiex idumu miftuħa sad-disgħa ta' filgħaxija, mingħajr il-bżonn li jinħadem overtime. Huwa qal li jinkwetaħ il-fatt li fil-passat, iż-żamma tal-latrini pubbliċi kienet responsabilità tas-CMD imbagħad ġara li f'salt wieħed il-latrini pubbliċi ġew taħt ir-responsabilità tal-Kunsilli Lokali. Huwa qal ukoll li jista' jagħti l-każ li jkun hemm bidla fit-tmexxija tad-Dipartiment u l-affarijiet jinbidlu. Madanakollu huwa jifhem li hemm ċertu urġenza peress li wasal is-sajf.

5.18.8. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li l-Kunsill għandu jattira lejh l-aħjar proposta u jieħu ħsieb li jħares l-interessi tiegħu.

5.18.9. Is-Sindku G. Micallef qal li ġie avviċinat minn sid ta' stabbiliment kummerċjali li hemm fir-Ramla tal-Mixquqa, li saħansitra talab li jingħata ċ-ċwievet tal-latrina ta' din il-bajja u wara l-ħinijiet tal-għeluq tagħha, jżommha miftuħa hu u jnaddafha hu.

5.18.10. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li kien hemm żmien fejn kien hemm ftehim verbali u kien isir hekk u s-sid tan-negozju kien jingħata ċ-ċavetta tal-latrina.

5.18.11. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li l-latrina pubblika tar-Ramla tal-Mixquqa hija waħda mill-aktar latrini pubbliċi ffrekwentati s-sena kollha u sfortunatament mhux qegħda fi stat tajjeb.

5.18.12. Is-Sindku qal li jekk il-Kunsill jaqbel li jidħol fi ftehim mas-CMD, in-nefqa tal-Kunsill ħa tkun inqas milli kieku tqabbad il-privat. Huwa żied jgħid li fil-preżent qegħdin naħdmu b'kuntratt magħluq u l-Kunsill irid jaħseb x'jagħmel fl-immedjat.

5.18.13. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li importanti li jkun hemm attendant il-ħin kollu għax żgur li hekk jonqsu l-abbużi.

5.18.14. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li l-Kunsill ser ikun qed iħallas il-flus għal sigħat li m'għandux bżonnhom, bħal fil-każ tal-latrina tal-Armier li ċertament m'hemmx bżonn li tinżamm miftuħa għal tnax-il siegħa fl-istaġun tax-xitwa.

5.18.15 Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li hija taqbel li s-sid tan-negozju li talab li jieħu ħsieb il-latrina hu wara li tingħalaq jingħata ċ-ċavetta, għaliex il-ħinijiet tal-għeluq huma kmieni wisq bħalissa.

5.18.16. Is-Sindku G. Micallef qal li huwa jħoss li jekk isir hekk, il-Kunsill ikun jidher li mhux qed jagħti s-servizz min-naħa tiegħu.

5.18.17 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li għax-xahar ta' Mejju biss, din il-persuna tingħata temporanjament iċ-ċavetta. Il-Kunsill se jistenna li jirċievi l-ammonti għall-overtime mingħand is-Sur Ramon Deguara u jkun hemm lok għal aktar diskussjoni fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

**5.19.1. Titjib ta' Toroq Rurali permezz ta' I73.3 (P/10/27)**

5.19.2. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv għarrfet illi wara li l-Kunsill iffirma l-Grant Agreement marbut mal-Miżura I73.3, il-Kunsill ġie mitlub jiftaħ kont kurrenti mal-Bank Ċentrali ta' Malta sabiex l-ARPA tkun tista' tgħaddi l-ewwel pagament tagħha f'dan il-kont.

5.19.3. Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qalet ukoll li ser issir laqgħa mal-Perit Matthew Casha sabiex tibda tiġi ppreparata s-sejħa għall-offerti sabiex isiru x-xogħlijiet marbuta ma' din il-miżura.

5.19.4 Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.20.1. Għeluq Permanenti ta' Parti minn Triq Ġuże' Flores bħala parti mill-Inizjattiva 'Slow Streets' (T/3/6)**

5.20.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li Triq Ġuże' Flores ingħalqet għat-traffiku kif kien miftiehem ma' Tranport Malta bħala parti mill-proġett 'Slow Streets'. Huwa qal ukoll li b'rabta ma' dan, il-Kunsill ressaq il-proposta ta' traffic management ġdid għall-inħawi ta' Ta' l-Ibraġ lil Transport Malta li min-naħa tagħhom qablu mal-proposta tal-Kunsill iżda talbu li jiġu ppreżentati blocked plans li jindikaw eżatt dak propost.

5.20.3. Fuq dan ir-rigward, is-Sindku ppropona li jsir proċess ta' tagħrif lir-residenti li joqogħdu fiż-żona Ta' l-Ibraġġ sabiex ikunu infurmati bil-proposta u kkonsultati. Huwa sostna li għandha tintbagħat ittra lil kull residenza, ikun hemm perjodu biex jiġu sottomessi suġġerimenti jew ideat, sabiex il-Kunsill jsaħħaħ il-posizzjoni fuq dan l-arranġament tat-traffiku u jsir b'mod konsultattiv mar-residenti.

5.20.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.21.1. Esebizzjoni dwar il-Gran Mastru Jean de Valette waqt Iljieli Melleħin 2025 (A/5/3/5 Vol XII)**

5.21.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva talba permezz ta' email datat 26 ta' April 2025 mingħand is-Sur Charles Azzopardi Refalo, li wera x-xewqa li jtella' esebizzjoni dwar il-Gran Mastru Jean de Valette bil-kollaborazzjoni tal-Kunsill waqt Iljieli Melleħin 2025. Din l-esebizzjoni ser issir fis-sede tas-Società Filarmonica La Vittoria.

5.21.3. Is-Sindku qal li huwa jaqbel li s-sede tal-każini tal-baned waqt l-Iljieli Melleħin jospitaw esebizzjonijiet simili. Huwa qal li l-Kunsill għandu jaċċetta li jikkollaba mas-Sur Azzopardi Refalo f'din l-inizjattiva interessanti u unika u ssuġġerixxa li l-Kunsill jilqa' t-talba tas-Sur Azzopardi Refalo u jikkontribwixxi s-somma ta' €800.

5.21.4. Il-Kunsill qabel li għandu jikkontribwixxi mil-lat kulturali fl-ispirtu tal-Artiklu 33 (n) u (p) tal-Att Dwar Kunsilli Lokali (Kap. 363).

**5.22.1. Attivita` flimkien mal-Għaqda Dilettanti tan-Nar Maria Bambina (S/6/Vol VI)**

5.22.2. Is-Sindku G. Micallef qal li kif kien miftiehem, il-Kunsill issieħeb mal-Għaqda tan-Nar Maria Bambina fl-organizzazzjoni ta' Easter Egg Hunt 2025. Huwa qal ukoll li din l-attività ntlaqgħet tajjeb ħafna mit-tfal li kienu bosta li attendew għaliha.

**5.22.3.** Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.23.1. Il-Festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ (A/5/5/Vol X)

5.23.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-festa ta' San Ġwann tal-Ħġejjeġ din is-sena ser issir fid-19 ta' Ġunju 2025 bis-sehem tas-Società Filarmonica La Vittoria wara li anke ntlaħaq ftehim mal-Għaqda Mużikali Imperial peress li s-sena l-oħra din l-attività kulturali ma saritx.

5.23.3. Is-Sindku qal li beda jitfassal il-programm ta' din il-festa tradizzjonali u informa lill-membri preżenti li din is-sena l-programm ser ikun jikkonsisti kif ġej:

(i) Programm Mużikali mis-Società Filarmonica La Vittoria;

(ii) Kant u daqq tradizzjoni mill-grupp Fulkru bis-sehem tal-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa;

(iii) Żfin tradizzjonali minn Artemocion Dance & Leisure Studio;

(iv) Re-enactment minn In Guardia;

(v) Ħruq tal-ħuġġieġa tradizzjonali mill-Għaqda Korali u Orkestrali Maria Bambina.

(vi) Armar ta' stands varji

(vii) Fjakkoli mill-Għaqda tan-Nar Marija Bambina

(viii) Armar ta' erba' pavaljuni mill-Grupp tal-Armar

5.23.4. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu budget ta' €5,500 għal din il-festa tradizzjonali.

5.23.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Il-proġett tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma fit-toroq prinċipali tal-Mellieħa (W/2/Vol II)

5.24.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li s-sejħa għall-offerti beix isiru dawn ix-xogħlijiet kellha tkun lesta sal-aħħar ta' Marzu 2025 iżda jidher li d-dokumenti għadu ma ġiex iffinalizzat.

5.24.3. Il-Kunsilliera C. Castillo għarrfet li avviċinawha numru ta' sidien li għandhom in-negożji tagħhom fil-partijiet tat-toroq fejn ix-xogħlijiet ser isiru f'fażi Ċ u D peress li t-toroq ser ikunu magħluqa kompletament għat-traffiku. Is-Sindku G. Micallef wieġeb li kemm jista' jkun dejjem ser ikun hemm ring roads fil-viċinanzi biex it-traffiku jkun jista' jasal viċin kemm jista' jkun.

5.24.4. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li hemm il-ħsieb li ssir laqgħa għas-sidien tan-negozji li ser ikunu milquta minn dan il-proġett iżda l-laqgħa aħjar issir meta l-Kunsill ikollu f'idejh dettalji konkreti dwar dati, eċċ.

5.24.5. Is-Sindku G. Micallef qal li min-naħa tal-Kunsill, ser isir tentattiv sabiex kif ikunu qed isiru dawn ix-xogħlijiet, jinbidlu wkoll il-bankini peress li għandhom bżonn li jsiru mill-ġdid. Fil-fatt, huwa qal li ntbagħtet email lill-Korporazzjoni Enemalta sabiex possibiliment anke is-servizzi jgħaddu wkoll minn ġol-bankini.

5.24.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.25.1. Sejbiet Arkeoloġiċi Importanti fl-inħawi magħrufa bħala 'Il-Latnija' (F/1/7/Vol XI)**

5.25.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Awtorità tal-Ippjanar ħarġet 'Ordni t'Emerġenza ta' Konservazzjoni' fejn instabu s-sejbiet arkeologiċi fl-inħawi tal-Latnija, fil-Mellieħa.

5.25.3. Huwa qal ukoll li bħala Kunsill ipprepara l-Pulizija tal-Komunità, il-Pulizija tad-Distrett kif ukoll l-Environmental Rangers sabiex kemm jista' jkun issir sorveljanza ta' dan il-post sakemm speċjalment isir il-fencing madwar is-sit u jingħalaq l-aċċess.

5.25.4. Is-Sindku għarraf ukoll li l-ħsieb tal-Kunsill huwa li tiġi organizzata laqgħa bejn il-membri tal-Kunsill u l-istaff flimkien mal-arkeoloġisti kif ukoll laqgħa oħra mal-istakeholders kollha nvoluti.

5.25.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.26.1. Parteċipazzjoni tal-Membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva fil-Mellieħa f'Tournaments Sportivi u fi Sports Day (A/1/5)**

5.26.2. Il-Kunsilliera L. Darmanin għarrfet li l-membri taċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa jippreferu jekk jipparteċipaw f'avvenimenti sportivi b't'shirt minflok bib. Għal dan il-għan ser issir sejħa għall-kwotazzjonijiet sabiex il-Kunsill ikun jista' jixtri numru ta' t'shirts għal dan il-għan.

5.26.3. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-11 ta' Aġril 2025, iċ-Ċentru Anzjanità Attiva tal-Mellieħa ingħata r-rikonoxximent tal-aqwa ċentru għall-anzjani fuq bażi nazzjonali. Is-Sindku qal li dan jagħmel ġieħ lill-Kunsill li dejjem kien lest biex jassisti u jgħin lil dan iċ-ċentru.

5.26.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.27.1. Laqgħa mal-Bord tal-Park tal-Majjistral (A/4/10)**

5.27.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-15 ta' April 2025, huwa flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri, il-Kunsilliera C. Castillo, J. Buttigieg u L. Darmanin u d-Deputat Segretarju Eżekuttiv M. Gambin kellhom laqgħa mal-Bord tal-Park tal-Majjistral fil-Park tal-Majjistral.

5.27.3. Is-Sindku qal li din il-laqgħa kienet ikkordinata mill-Kunsillier J. Buttigieg li huwa r-rappreżentant tal-Kunsill fuq dan il-Bord, u l-membri kellhom l-opportunità li jżuru x-xogħlijiet ta' restawr li qed isiru fil-binjiet li jinsabu fil-Park tal-Majjistral u li jamministra dan il-Bord. Barra minn hekk, il-Kunsill sema' wkoll l-ideat li l-Bord kellu għal park u l-modi kif il-Kunsill jista' jikkolabora flimkien mal-Bord.

5.27.4. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.28.1. Reklamar fuq Għamara tat-Toroq (B/5/Vol V)**

5.28.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li qed tiġi avviċinata mingħand sidien ta' negozji li jixtiequ jirreklamaw in-negozju tagħhom fuq il-u-bends li l-Kunsill għandu f'bosta bankini madwar il-lokalità.

5.28.3. Is-Sindku G. Micallef qal li jaqbel ma' din il-proposta imma saħaq li r-reklamar għandu jkun approvat mill-Kunsill u possibiliment ikun xi tip ta' uniformità.

5.28.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.29.1. Parking bays u Żoni għall-Ħatt u Tagħbija f'Misraħ tas-Salib, fi Triq Sant'Anna u fi Triq Snajjin (T/3/2/Vol XVI)**

5.29.2. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li rċeviet talba sabiex jerġgħu jsiru l-parking bays f'Misraħ tas-Salib in-naħa tal-isqaq u fi Triq Sant'Anna.

5.29.3. Hija qalet ukoll li rċeviet talba biex jiġu introdotti l-faċilitajiet għall-ħatt u tagħbija fi Triq Snajjin u Triq Sant'Anna.

5.29.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li issa li l-iżvilupp fi Triq Sant'Anna kantuniera ma' Triq il-Kappillan Magri kważi komplut, jistgħu jerġgħu jsiru l-parking bays bejn Triq Santa Marija u Triq Sant'Anna.

5.29.5. Il-Kunsill innota t-taghrif moghti.

**5.30.1. Reviżjoni tat-Tabelli tat-Traffiku u l-Marki tal-Karreġġjata fi Triq in-Naħħalija, il-Manikata (T/3/2/Vol XVI)**

5.30.2. Il-Kunsillier E. Bartolo għarraf li hu flimkien mal-kuntrattur responsabbli mit-tabelli u l-marki tal-karreġġjata għamlu site meeting fi Triq in-Naħħalija, il-Mellieħa sabiex setgħet issir reviżjoni tat-tabelli tat-traffiku u tal-marki tal-karreġġjata peress li kif kienu, kienu konfliġġenti.

5.30.3. Is-Sur Bartolo qal ukoll li dan l-eżerċizzju sar anke peress li l-Kunsill irċieva imejl mit-Tribunal Lokali ta' San Pawl il-Baħar li talab lill-Kunsill biex jagħmel reviżjoni tat-tabelli.

5.30.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li din it-talba għandha tiġi ikkunsidrata.

**5.31.1. Xogħlijiet meħtieġa fi Triq is-Sliem u Triq l-Għaqda (T/4/7/Vol III)**

5.31.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li wara pressjoni li l-Kunsill għamel sabiex isiru t-tiswijiet infrastrutturali neċessarji fi Triq is-Sliem u fi Triq l-Għaqda f'Santa Maria Estate, b'sodisfazzjon innota li Infrastructure Malta bdiet ix-xogħlijiet fi Triq l-Għaqda.

5.31.3. Is-Sindku qal li xtaq jieħu din l-opportunità sabiex jgħarraf li Infrastructure Malta kienet qed tagħmel xogħlijiet ta' tiswija fuq is-slipway fil-Bajja tal-Armier.

5.31.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.32.1. Community WhatsApp Chat tal-Kunsill (I/1/3/Vol VII)**

5.32.2. Is-Sindku G. Micallef qal li hija x-xewqa tiegħu li l-Kunsill, minbarra l-Facebook Page tiegħu ikollu mezz ta' komunikazzjoni ieħor fejn il-Kunsill ikun jista' jgħarraf lir-residenti bl-attivitajiet kollha tal-Kunsill kif ukoll avviżi oħra importanti anke minn entitajiet pubbliċi. Huwa qal li bil-ħolqien ta' Community WhatsApp Chat, il-komunità in ġenerali tkun tista' tkun avvżata u anke parteċipi b'dak kollu li jkun għaddej fil-lokalità.

5.32.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u innota t-tagħrif mogħti.

**5.33.1. SPI/SCI/2/2025 – Skema Attivitajiet Kulturali Annwali 2025 (F/1/7 Vol XI)**

5.33.2. Is-Sindku G. Micallef irrefera għall-iskema msemmija u għarraf li l-applikazzjoni tal-Kunsill sabiex jingħata għajnuna finanzjarja b'risq Iljieli Melleħin 2025 ġiet aċċetta u l-Kunsill ħa jirċievi s-somma ta' €20,000 b'risq din l-attività.

5.33.3. Is-Sindku għarraf ukoll li permezż tal-iskema 'Clean Up the World 2025', il-Kunsill irnexxielu jixtri numru ta' barriers u bins on wheels għall-użu tal-Kunsill waqt l-attivitajiet tiegħu.

5.33.4. Fir-rigward tal-iskema 'Servizz ta' Manutenzjoni f'Binjiet Pubbliċi', is-Sindku għarraf li l-Kunsill ġie mitlub jissottometti risk assessment u dan qed jiġi kumpilat bħalissa.

5.33.5. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.34.1. L-Inizjattiva 'Minn Pjazza għal Pjazza' (F/1/7 Vol XI)**

5.34.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 29 ta' April 2025 mingħand id-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali fejn il-Kunsill ġie mgħarraf b'inizjattiva ġdida mnedija mid-Dipartiment

għall-Gvern Lokali bl-isem 'Minn Pjazza għal Pjazza'.

5.34.3. Is-Sindku spjega li l-Kunsilli Lokali ġew mistiedna jipproponu attività apparti l-attivitajiet li jorganizza matul is-sena li fiha jispikkaw l-arti, il-kultura, it-tradizzjoni u t-talent lokali sabiex din tiġi amalgamata ma' numru ta' attivitajiet oħra organzzati f'lokalitajiet differenti u mifruxa fuq xhur u ġranet differenti biex finalment jinħoloq il-kunċett li jkollok attività wara l-oħra minn pjazza għall-pjazza.

5.34.4. Is-Sindku qal li f'din l-inizjattiva jridu jintagħżlu għaxar lokalitajiet u kull lokalità ser tirċievi s-somma ta' €25,000 bħala għajnuna finanzjarja u madwar €1,500 biex issir promozzjoni tagħha. Huwa qal ukoll li d-Dipartiment tal-Gvern Lokali ħa jieħu ħsieb il-branding u ċertu loġistika permezz tat-tim ta' professjonisti li ħa jkun qed jaħdem speċifikament fuq din l-inizjattiva.

5.34.5. Il-Kunsill qabel ma' din l-inizjattiva u innota t-tagħrif mogħti.

## 5.35.1. Rotot ġodda tat-Trasport Pubbliku fil-Mellieħa (T/5/1/Vol II)

5.35.2. Is-Sindku rrefera għat-tibdil riċenti li kien hemm f'ċertu rotot tat-trasport pubbliku u talab lill-membri preżenti sabiex jekk ikollhom xi proposti jew ilmenti iressquhom sabiex il-Kunsill ikun jista' jagħmel resume tagħhom u jgħaddihom lil Malta Public Transport.

5.35.3. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li rċieva lmenti fuq ir-rotta X1 peress li din m'għadhiex topera u minflokha bdiet topera r-rotta TD1. Is-Sur Buttigieg spjega li r-rotta X1 kienet tinkorpora l-Isptar San Vincenz de Paul filwaqt li r-rotta TD1 ma tinkorporax il-bus stops viċin dan l-isptar. Dan qed joħloq inkonvenjent għal min ikollu appuntament fl-Outpatients Department fl-Isptar San Vincenz de Paul għaliex issa spiċċa s-servizz ta' rotta diretta u minflok dawn il-persuni qed ikollhom jaqbdu żewġ karozzi tal-linja biex imorru u tnejn oħra biex jiġu lura.

5.35.4. Is-Sindku qal li hemm ilmenti wkoll fuq ir-Rotot 44 u 238 li għalkemm il-Kunsill ilu jitlob sabiex dawn iż-żewġ rotot jibdew jinkludu fihom il-Manikata, din it-talba għadha ma ġietx milqugħa mill-MPT minħabba problemi ta' riżorsi umani fost oħrajn.

5.35.5. Il-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri qal li huwa rċieva lmenti minn residenti li joqogħdu l-Manikata li lmentaw li ħafna drabi x-xufiera tal-karozzi tal-linja qed iġegħluhom jew jinżlu Għajn Tuffieħa u/jew jinżlu biex jaqbdu karozza tal-linja oħra.

5.35.6. Il-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar qalet li r-rotta X1B tgħaddi minn fejn l-isptar San Vincenz de Paul.

5.35.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li dawn l-ilmenti u s-suġġerimenti jgħaddu lil Malta Public Transport għall-verifika min-naħa tagħhom.

## 5.36.1 Proġetti iffinanzjati taħt il-programm Erasmus+ tal-Unjoni Ewropea (P/10/35)

5.36.2. Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa jekk il-Kunsill fil-passat kienx parteċipi f'xi programm Erasmus tal-Unjoni Ewropea.

5.36.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fis-sena 2019 qabel bdiet il-pandemija Covid-19, il-Kunsill kien isottomessa applikazzjoni għal finanzjament ta' proġett bl-isem "LGBTIQ Rights at the Heart of the E.U" minn fondi Ewropej. Dan kien jinvolvi ż-żgħażagħ u kien jippromwovi tradizzjonijiet flimken ma' imsieħba minn pajjiżi oħra u l-muniċipalitajiet mistiedna jieħdu sehem kienu Amata (Latvia), Casalborgone (Italja) u Cugir (Rumania). Sfortunatament dan il-proġett ma setax jitwettaq minħabba l-pandemija.

5.36.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.37.1. Sotto-Kumitat fi ħdan il-Kunsill (K/2)

5.37.2. Il-Kunsillier J. Cauchi staqsa dwar il-ħatra ta' sotto-kumitati fi ħdan il-Kunsill.

5.37.3. Is-Sindku G. Micallef qal li kull Kunsillier jista' jaħtar sotto-kumitat jew sotto-kumitati skond id-dekasteri tiegħu. Is-Sindku qal li fil-passat kien hemm diversi sotto-kumitati fi ħdan il-Kunsill u xejn ma jżomm li l-Kunsilliera joħolqu sotto-kumitati.

5.37.4. Il-Kunsillier J. Buttigieg qal li s-sotto-kumitat ilhom li nqatgħu ftit peress li kienu ddajfu.

5.37.5. Il-Kunsilliera C. Castillo qalet li sfortunatament illum il-ġurnata kulħadd impennjat u diffiċli li ssib persuni li lesti li jkunu kommessi u disponibbli.

5.37.6. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.38.1. Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (T/3/2/Vol XVI)**

5.38.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi l-parti fejn tagħlaq, qed ikun hemm il-vetturi pparkjati u sfortunatament ambulanza li ssejħet minn resident ta' din it-triq kellha toħroġ bir-reverse it-triq kollha peress li ma kellhiex fejn iddawwar.

5.38.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li fid-dawra jsiru linji doppji sofor biex ma jipparkjawx vetturi.

**5.39.1. Konferenza 'Insaħħu Aktar l-Indafa fil-Lokalità' (T/4/5/Vol IV)**

5.39.2. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva stedina mingħand Clean Malta għall-konferenza 'Insaħħu Aktar l-Indafa fil-Lokalità' li saret fis-26 ta' Marzu 2025. Is-Sindku qal li huwa flimkien mal-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar attendew għall-konferenza u huwa ntalab jagħmel intervent. Fl-intervent tiegħu huwa saħaq li bħala livell tjieb anke għall-fatt li kien hemm żieda fl-investiment kemm fuq ir-riżorsi umani kif ukoll fil-makkinarju li ċertament ħa jgħin waqt il-ħidma intensiva li ssir fis-sajf.

5.39.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.40.1. Jum il-Premjazzjoni fl-Iskola Primarja tal-Mellieħa (S/6/Vol VII)**

5.40.2. Fid-29 ta' Marzu 2025, il-Kunsill permess tas-Sindku G. Micallef, tal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri u tal-Kunsilliera C. Castillo, J. Buttigieg u E. Bartolo ipparteċipaw f'Jum il-Premjazzjoni' fl-iskola primarja tal-Mellieħa.

5.40.3. Is-Sindku G. Micallef qal li l-Kap tal-Iskola flimkien mal-Għalliema kollha apprezzaw ferm il-kollaborazzjoni tal-Kunsill f'din iċ-ċelebrazzjoni.

5.40.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.41.1. Kwestjonarju dwar il-Ħtiġijiet tal-Kunsill (A/2/Vol XII)**

5.41.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fid-29 ta' Marzu 2025 huwa ġie mistieden jattendi laqgħa organizzata mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali wara li l-Kunsill Lokali tal-Mellieħa ntgħażel flimkien ma' madwar għoxrin Kunsill ieħor sabiex jipparteċipa fi kwestjonarju dwar il-ħtiġijiet tal-Kunsill. Dan il-kwestjonarju qed isir sabaie l-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali tkun tista' tippreżenta r-riżultat tiegħu lill-Gvern Ċentrali.

5.41.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.42.1. Promozzjoni tat-Tim tal-Football U17 (S/4/2/Vol V)**

5.42.2. Is-Sindku għarraf li nhar it-13 ta' April 2025, il-Kunsill permezz tas-Sindku, tal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri u tal-Kunsilliera C. Castillo, J. Buttigieg, E. Bartolo u L. Darmanin kien preżenti għall-avveniment li sar b'rabta mal-promozzjoni tat-tim tal-football tal-Mellieħa U17. Il-Kunsill dakinhar ippreżenta trofew lit-tim rebbieħ.

5.41.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.43.1. Servizz ta' Night Shelter (A/1/6)

5.43.2. Wara talba li saret lill-Kunsill minn resident li xtaq li jibda s-servizz ta' Night Shelter, is-Sindku għarraf li bħalissa s-servizz ta' Night Shelter fil-Mellieħa mhux jingħata peress li ma kienx hemm domanda għalih. Madanakollu, il-Kunsill għamel kuntatt mad-Dipartiment konċernat u ntlaħaq qbil li jekk ikun hemm id-domanda, in-Night Shelter jerġa' jiftaħ.

5.43.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jsir avviż fuq il-midja soċjali dwar dan.

### 5.44.1. Floodlighting Ġdid madwar il-Knisja Parrokkjali tal-Manikata u l-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa (P/4/31)

5.44.2. Is-Sindku għarraf li fir-rigwar tal-proġett ta' floodlighting ġdid madwar il-Knisja tal-Manikata, il-Kunsill għamel sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizzi ta' inġinier sabiex ikun jista' jipprepara d-dokumentazzjoni kollha meħtieġa sabiex dan il-proġett jingħata bidu.

5.44.3. Is-Sindku qal ukoll li fir-rigward tal-floodlighting madwar il-Knisja Arċipretali tal-Mellieħa u Triq l-Inkurunazzjoni, huwa ġie avviċinat mill-kuntrattur li għarrfu li dawn il-floodlights ser ikun hemm il-bżonn li jinbidlu dalwaqt.

5.44.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti u qabel li jkun hemm aktar diskussjoni dwar din il-materja fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss.

### 5.45.1. L-Inizjattiva 'Vjal Kulħadd' (T/3/6)

5.45.1. Is-Sindku għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 17 ta' April 2025 mingħand Infrastructure Malta dwar l-inizjattiva 'Vjal Kulħadd' wara li l-Kunsill talab x'progress kien sar fuq l-applikazzjoni tal-Kunsill. Infrastructure Malta għarrfet li kienu saru laqgħat ma' numru ta' entitajiet u s-Sovrintendenza għall-Wirt Kulturali ma' qablitx mal-proġett kif propost. Infrastructure Malta għarrfu li għaldaqstant il-pjanti jridu jiġu riveduti.

5.45.2. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.46.1. Finanzjament ta' Ġwiebi viċin Ġnien il-Qigħan u Ġnien tas-Salib (P/2/1) (P/4/22)

5.46.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva komunikat mill-ERA dwar il-proġett Bellus li l-Kunsill kien ipparteċipa fih u li permezz tiegħu ser isiru żewġ ġwiebi – waħda viċin Ġnien il-Qigħan u l-oħra viċin Ġnien tas-Salib. Proġett li permezz tiegħu l-Kunsill ser jirċievi finanzjament ta' €100,000.

5.46.3. Is-Sindku qal li dan l-aħħar l-ERA bdiet tesplora l-possibilità li minbarra l-kostruzzjoni ta' ġiebja viċin Ġnien il-Qigħan, fi Ġnien il-Qigħan isir ukoll titjib tal-ġnien in ġenerali. Minħabba f'hekk, is-Sindku qal li kellhom jiġu riveduti l-Bill of Quantities u l-ispiża żdiedet madwar €42,000. Madanakollu, l-ERA bħalissa għaddejja b'diskussjonijiet interni sabiex tiġi esplorata l-possibilità li l-ERA tiffinanzja wkoll u tagħmel tajjeb għal din iż-żieda.

### 5.47.1. Tismija ta' Toroq (T/4/1 Vol IV)

5.47.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li l-Kunsill irċieva imejl datat 14 ta' April 2025 mill-Kumitat għat-Tismija tat-Toroq fejn il-Kunsill intalab li
(i) jagħti isem lill-Misraħ fejn hemm Ġnien il-Kenn Soċjali;
(ii) jagħti isem l-aħħar triq fi Triq Vincenzi Ciappara kantuniera ma' Triq Napuljun Caruana Dingli; u
(iii) peress li qed jiġu nnumerati bibiex ġodda fi Triq Edmun Halley li hija maqsuma fi tliet partijiet, iż-żewġ partijiet tat-triq jingħataw isem ukoll kif indikat fuq pjanta.

5.47.3. Il-Kunsill qabel li jissuġġerixxi dawn l-ismijiet:
(a) għal talba numru (i) – Misraħ Ġnien il-Kenn Soċjali;
(b) għal talba numru (ii) – Triq is-Silla;
(c) għal talba numru (iii) – parti tissemma'Triq Marie Curie u l-parti l-oħra tissemma Triq Jane Goodall.

5.47.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.48.1. Tisbiħ ta' Triq il-Wied ma' Triq Mons. I. Fenech (T/4/8)

5.48.2 Is-Sindku għarraf li residenti li joqoqgħdu fi Triq Mons. I. Fenech għamlu proposta lill-Kunsill sabiex jinbidel ir-railing eżistenti u jitħawlu xi siġar minnhom stess u xtaqu l-approvazzjoni tal-Kunsill biex jagħmlu dan. Is-Sindku ippreżenta ritratt viżwali ta' din il-proposta.

5.48.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 6.1. Mozzjoni mressqa mis-Sindku illi tgħid:

**"Billi l-udituri talbu li jsiru tliet aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji għas-sena 2024 oriġinali, li ġew sottomessi u approvati mill-Kunsill fis-seduta nru 9 fit-18 ta' Frar 2025; u**

**Billi t-tibdil li sar fil-verżjoni oriġinali tal-imsemmija Stqarrijiet Finanzjarji, ġew spjegati fid-dettal permezz ta' skeda li ġiet mgħoddija mill-istess udituri, kif ukoll mill-*accountant* inkarigat mill-Kunsill;**

**Il-Kunsill jirriżolvi li japprova l-Istqarrijiet Finanzjarji 2024, bl-inklużjoni tal-aġġustamenti imsemmija, u għaldaqstant jawtorizza lis-Sindku u lid-Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex jiffirmawhom u jgħadduhom lill-Uditur Generali, skont il-Proceduri tal-2005 dwar Kunsilli Lokali (Verifika).". (F/1/2/Vol XI)**

6.2 Is-seduta ġiet sospiża sabiex l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur Daniel Galea ikun jista' jispjega l-aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji oriġinali mitluba mill-udituri.

6.3. Għal din il-parti tas-seduta is-Sur Galea assista b'mod virtwali u spjega illi wara l-verifika, għalkemm l-udituri talbu li jsiru tliet aġġustamenti fl-istqarrijiet finanzjarji, il-figuri kkwotati fl-istqarrijiet oriġinali ma ġewx affettwati u baqgħu bħalma kien indikat fl-Istqarrijiet Finanzjarji ppreżentati fi Far 2025:

6.4. Fil-fatt kif kien spjega fis-seduta ta' Frar 2025, id-dħul kien €1,553,614, kontra nefqa ta' €1,753,066 u b'hekk is-sena għalqet b'defiċit ta' €199,452 bl-ammont ta' depreciation jammonta għal aktar minn €300,000.

6.5. Is-Sur Galea kompla jispjega li wieħed mill-aġġustamenti li sar mill-awdituri kien jammonta għal €97 li jikkwalifika bħala mhux materjali. Iż-żewġ aġġustament l-oħra kienu sabiex il-Kunsill ineħħi minn fuq il-kotba tiegħu, ammont dovut għal numru ta' snin lill-Kunsill mill-WasteServ, liema ammont il-WasteServ ma kinux aċċettaw li jitħallas peress li l-invoices kienu ħarġu tard min-naħa tal-Kunsill u t-tielet aġġustament sar biex jiġi aġġustat amont li ġie 'over depreciated'.

6.6. Billi wara l-ispjegazzjonijiet li ngħataw ma kienx hemm kummenti, il-mozzjoni għaddiet b'mod unanimu wara li ġiet issekondata mill-Kunsillier E. Bartolo.

### 7.1. Estensjoni tal-Impjant tad-Drenaġġ fl-inħawi taċ-Ċumnija, il-Qammieħ (D/1/Vol III)

7.2. Is-Sindku G. Micallef għarraf li fil-15 ta' April 2025 huwa flimkien mal-Viċi Sindku M. Borg Cuschieri u l-Kunsilliera J. Buttigieg u E. Bartolo attendew għal-laqgħa msejħa miċ-Chief Executive Officer tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma s-Sur Karl Cilia.

7.3. Is-Sindku qal li din kienet laqgħa kordjali u li matulha ġew diskussa bosta suġġetti fosthom, il-laqgħa pubblika li l-Kunsill talab li tiġi organizzata għall-bdiewa li għandhom ir-raba' tagħhom il-Qammieħ. Huwa kompla billi qal li din it-talba ma ġietx milqugħa, madanakollu l-bdiewa ġew mistiedna jmorru l-uffiċċju tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma f'Ħal Luqa.

7.7. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 8.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

8.1.2. Ġiet imressqa Skeda ta' Akkwist ta' Servizzi u Materjal datata 25 ta' April 2025.

8.1.3. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri l-perjodu bejn it-22 ta' Marzu 2025 u l-25 ta' April 2025.

8.1.4. Il-Kunsill approva l-iskedi kollha mressqa, u kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://mellihalc.gov.mt/skeda-ta-hlasijiet/

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri kollha s-seduta spiċċat fl-10.30pm, u ġiet aġġornata għal nhar it-Tnejn 26 ta' Mejju 2025 fil-5:30 pm.

Gabriel Micallef
**Sindku**

Marica Gambin
**Deputat Segretarju Eżekuttiv**